# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Nru. 2266

**Kaz Nru. 2969/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Owen Schembri**

**u**

**Nylon Knitting Ltd. (C 401)**

**(Dwar tkeccija mill-Impieg allegata li hi ngusta).**

## Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc., DPM, IPD(UK).

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjoni tar-Rikorrenti Owen Schembri, li gie prezentat fir-Registru tal-Qorti fit-2 ta' Novembru 2011. Meta t-Tribunal Industrijali beda jisma' il-Kaz inkwestjoni, dehru r-rikorrenti li kien assistit mis-Sur Paul Bugeja Segretarju tat-Taqsima tal-General Workers Union u mill-Avukat Aron Mifsud Bonnici. Ghas-Socjeta ntimata deher is-Sur Darren Gatt li kien assistit mill-Avv. Charlotte Camilleri.**

**Fl'istqarrija tal-Kaz ir-Rikorrenti jghid, li kien impjegat mal-Kumpanija ntimata u ta' sevizz lill-istess Kumpanija sal-5 ta' Settembru 2011, meta l-istess Kumpanija abbuzivament itterminat l-impieg tieghu.**

**Fl’istqarrija tieghu huwa jkompli jghid li kien akkuzat b’nuqqasijiet fuq ix-xoghol, izda bl-ebda mod ma gew pruvati fil-konfront tieghu. Huwa jghid ukoll, li ma jezistux ragunijiet tajba u bizzejjed skond il-ligi li setghu jwasslu sabiex l-impieg tieghu jkun terminat u ghaldaqstant it-terminazjoni tal-impieg tieghu kienet bi ksur tal-ligi.**

**Ghas-Socjeta ntimata da parti taghha qalet, li r-Rikorrenti kien impjegat mas-Socjeta fis-7 ta’ Frar 2005, bhala machine operator/labourer.**

**Hija tkompli tghid fl’istqarrija tal-Kaz taghha, li x-xoghol tieghu kien jesigi responsabilita u attenzjoni assoluta u ma kienx jippermetti li huwa jkun negligenti f’xogholhu. Is-Socjeta tghid ukoll, li r-rikorrenti kiser ir-regoli tas-Socjeta billi ma kienx qed isegwi struzzjonijiet tas-Socjeta u di piu billi kien qed ikun tant negligenti f’xoghlhu, illi kkawza problemi ma wiehed mill-klijenti ewlenin taghha.**

**Is-Socjeta tghid ukoll, li dan it-Tribunal Industrijali ghandu japprezza, li kuntrarjament ghal dak allegat mir-Rikorrenti, li s-Socjeta Nylon Knitting Limited tant ma ghamlitx tkeccija ngusta, li kien propju negligenza massicca da parti tieghu li waslet ghat-tkeccija mill-impieg. Hija tghid ukoll, li ic-cirkostanzi kienu tghali, li s-Socjeta ntimata ma kien baqala ebda fiducja fih tant li waslet biex tittermina l-impieg tieghu.**

**Mill-provi jirrizulta, li ir-rikorrenti kien gie mpjegat mas-Socjeta ntimata fi Frar 2005, bhala machine operator/labourer u kif jixhed fis-seduta tad-29 ta’ Novembru 2011, is-Sur Darren Gatt li huwa l-Human Resources Manager, meta gara dan il-kaz ir-rikorrenti ma kellux kazijiet ohra ta’ dixxiplina.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li permezz ta’ ittra datata 30 ta’ Awissu 2011, il-management tal-Kumpanija hareg “charge” lir-rikorrenti fejn infurmah, li kien sar rapport fil-konfront tieghu li ghamel xoghol bi traskuraguni waqt il-qaghdi ta’**

**dmirijiethu. L-istess rapport jghid, li ma kienx qed jimmarka d-difetti fuq id-drapp b'tape ahdar u lanqas ma kien qed jirregistra d-difetti fuq dokumentazzjoni pprovduti ghal dan il-ghan mill-Kumpanija. L-istess ittra tistieden lir-rikorrenti biex iwiegeb ghal dawn l-akkuzi sal-5 ta' Settembru, 2011.**

**Minn naha tieghu, ir-rikorrenti wiegeb ghal dawn l-akkuzi permezz ta' ittra datata 2 ta' Settembru 2011, fejn spjega li kien iddispjacut ghal dak li gara fuq il-linja tal-produzzjoni li kien qed jahdem fuqa u stqarr, li dak li gara ma kienx b'intenzjoni. Huwa jghid ukoll fl'ittra tieghu, li hu kien fid-dubju li dak li gara verament kienx tort tieghu. Fl'ittra tieghu huwa jghid ukoll, li kien iddispjacut ghal kull inkonvenjent li setghet garbet il-kumpanija u wieghed li kien se jghamel hiltu biex incident ta' din ix-xorta ma jergax isehh.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li din l-ittra waslet ghand il-Human Resources Manager u kkonsulta mas-Sur Depilato li ghandhu l-inkarigu li jmexxi l-Kumpanija, fejn minn naha tieghu ma accettax l-ispjegazzjoni tar-rikorrenti. Mill-provi jirrizulta wkoll, li wara saru diskussjonijiet mal-Union kien is-Sur Depilato li ddecieda li jittermina l-impieg tar-rikorrenti. Din it-terminazzjoni ta' l-impieg saret permezz ta' ittra datata 5 ta' Settembru 2011, liema ittra kienet tghid li l-ispjegazzjoni li giet moghtija mir-rikorrenti fl-ittra tieghu datata 2 ta' Settembru 2011, ma gietx accettata mill-Kumpanija.**

**F'din l-ittra l-management jghid ukoll lir-rikorrenti, li peress li kien pogga fi stat ta' periklu l-futur tal-Kumpanija mal-klijenti taghha u l-azzjonijiet tieghu huma kkunsidrati li kienu ta' sabutagg u ghalhekk dan kien Att kriminali, il-management ma kellux alternattiva ohra ghajr dik li jittermina l-impieg.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li s-socjeta kienet attenta hafna biex tipproduci xoghol ta' kwalita u dan peress li bejn 70 u 80 fil-mija tal-produzzjoni tinxtara minn zewg kumpaniji b'rizultat, li jekk wahda minn dawn il-kumpaniji twaqqaf l-ordnijiet**

**taghha jkun hemm effett negattiv fuq il-maggoranza ta' l-impjiegi li timpjega l-Kumpanija.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-management tal-Kumpanija kien ircieva diversi lmenti minghand il-klijenti u invista ta' dan, il-management kellem lill haddiema nkluz lir-rikorrenti. Il-Kumpanija tghid, li kienu qed jissuspettaw li kien hemm haddiema li ma kienux qed jaqghdu d-doveri taghhom sew u ma kienux qed isegwu l-procedura tal-kumpanija, li meta jsewwu jimmarkaw id-drapp difettuz jew meta jsewwu d-drapp difettuz ma jghamlux dan b'livell tajjeb bir-rizultat, li kien qed jasal ghand il-klijenti bid-difetti u ta' kwalita mhux accettabbli. Ghaldaqstant, ghal din ir-raguni kull haddiem li jsewwi gie moghti numru partikulari, din il-procedura giet addottata sabiex meta l-klijent isib xi haga hazina fil-modd kif gie msewwi d-drapp, dan jibghat lill-management tal-kumpanija n-numru tieghu biex minn naha tal-management, ikun jistgha jiddentifika lill dak il-haddiem u jkellmu biex kemm jista jkun darb'ohra joqghod attent iktar.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-linja tal-produzzjoni hija maqsuma f'diversi filliri u kull fillira hemm numru ta' magni konsiderevoli li fuqhom jahdmu fi grupp ta' erba jew hames haddiema. Mix-xhieda tas-sur Paul Gatt li jokkupa il-kariga ta' Quality control manager, fis-seduta ta' 24 ta' Mejju 2012, pagna 4 jghid " Meta il-bniedem ma jghamilx in-numru tieghu ahna xorta nistghu naslu biex nghidu fit-tali shift u f'dik il-fillira kien hemm xi hadd li sewwa fallo pero ma mmarkahx. Ovvjament tista tghid li jekk hemm erba persuni jahdmu f'dik il-fillira tista tghid mela xi hadd minnhom ma ghamilx in-numru tieghu imma mbghad dik naqra difficli biex tasal ghal persuna propja". Mill-provi jirrizulta, apparti li f'kull shift ikun hemm medda ta' erba jew hames haddiema jahdmu fuqha, jista wkoll jghati l-kaz, li fuq din il-pezza jahdmu diversi shiftijiet ta' haddiema ohra. Dan ikun il-kaz meta pezza ta' drapp tkun ta' madwar sitt elef metru u gieli ix-xoghol fuqa jdum sejjer madwar jumejn, fejn ikun hemm diversi shiftijiet ta' haddiema.**

**Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali, fix-xhieda tas-Sur James Agius tas-6 ta' Marzu 2012, pagna 19 huwa jghid, li bazikament meta id-drapp ma jigix immarkat difficli tkun taf min hadem fuqu, izda f'dan il-kaz saru jafu ghax gie indikat ir-rikorrenti mill-kollegi tieghu.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-management tal-Kumpanija inizjala passi dixxiplinarji fil-konfront tar-rikorrenti, wara li kellu rapporti minn zewg impjegati li kienu qed jahdmu mar-rikorrenti, fejn infurmaw lill management, li ir-rikorrenti ma kienx qed jimmarka d-drapp diffettuz.**

**Fix-xhieda tas-seduta 6 ta' Marzu 2012 pagna 14, is-Sur James Agius li hu responsabbli mid-Dipartiment tan-knitting jghid "Gibduli l-attenzjoni l-kollegi tieghu fil-fillira li sikwiet kienu qed jarawh isewwi l-hajt li jaqta', idawwar u ma jikteb xejn u li dik ghalina tikkawza problema" Mill-provi jirrizulta wkoll li s-Sur Agius kien avvicina lir-rikorrenti, qallu li ma kienx qed jghamel xoghol skond il-procedura u nfurmah ukoll li kienu se jiccekkjaw din il-pezza drapp, billi tigi mpoggija fuq rewinder machine. Huwa qallu wkoll, li jekk jinstab li d-difett li kienu ndikawlu dawk il-haddiema li irrapurtawh, kien se jghamel rapport dixxiplinarju fil-konfront tar-rikorrenti.**

**Mill-provi jirrizulta ukoll, li meta spezzjonaw dak id-drapp, is-Sur James Agius ma kienx prezenti u fix-xhieda tieghu tas-seduta 6 ta' Marzu 2012, pagna 15 jghid " Ma kontx prezenti imma ndikawulna, jidhirli li jew rah il-Qaulity manager imma konna sibnih il-fallo imsewwi u mhux kif suppost " Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-management kien wasal ghal konkluzzjoni li kien ir-rikorrent li naqas li jimmarka dawn id-difetti.**

**Mill-istess xhieda li ta' is-Sur Agius, pagna 22 jghid ukoll, li ma jiftakarx min kien li dawwar il-pezza drapp biex jinstab id-difett mhux immarkat, imma jiftakar li gie irrapurtat lilhu li dak id-difett fid-drapp kien instab u gie indikatt li kien tar-rikorrenti.**

**Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li ghalkemm l-izball gie attribwit lir-rikorrenti pero, il-management ma setghax jkun zgur li dan sar mir-rikorrenti. Fix-xhieda tas-6 ta' Marzu 2012, f'pagna 20 is-Sur Aguis jghid, li kienu ic-cirkustanzi li waslu biex indikaw lir-rikorrenti li l-izball kien tieghu, pero dan ma setghax jinghad fic-cert li kien sar minnhu jew minn xi haddiema ohra.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehed ukoll George Azzopardi, fejn fix-xhieda tieghu tas-Seduta ta' 24 ta' Mejju 2012, jghid li flimkien ma haddiem iehor Josef Lia kienu rrapurtaw lir-Rikorrenti li ma kienx qed jghamel ix-xoghol kif suppost.**

**Mill-provi tax-xhieda ta' Josef Lia tas-Seduta ta' 24 ta' Mejju 2012, f'pagna 16 jghid " Li jkun hemm magni li nhalluhom bla tape u ndawwruhom, dik il-kumpanija ma riediethomx ghax kienu qed jircievu complaints kbar minn barra u nzilna fejn din il-magna kienet qeda wieqfa u qbadt nghamilha jien, ghidt lill-ohrajn kont ma l-iehor George nizlin fil-fillira, ghidtilhom din min dawwarha fiha fallo. Gie l-assistnat qalilna jekk ma tghiduliex min ha jaqla rapport kulhadd, staqsejt lill-ohrjan, l-ohrajn kollha kienu jafu li dawwarha hu l-magna. Ghidt lil Jimmy, issa jiena ghidtlu li qaluli li dawwarha hu u dak kollox". Fix-xhieda tieghu huwa jghid ukoll, li hu ma kellux dubju li dan sar mir-rikorrenti jigifieri li kien sewwa id-difett imma ma immarkahx kif suppust li kellu jghamel u hu waqa ghal konkluzjoni li dan sar mir-rikorrenti ghax kien l-ahhar wiehed li dahal f'dak id-dipartiment u lill ohrajn kien jafdahom naqra aktar fuq ix-xoghol.**

**Josef Lia rega ta' ix-xhieda tieghu fis-Seduta ta' 20 ta' Gunju 2013, fejn jghid lit-Tribunal Industrijali, li ried jiccara dak li xehed fis-Seduta ta' 24 ta' Mejju 2012. Fix-xhieda tieghu tas-Seduta ta' 20 ta' Gunju 2013 pagna 2, huwa jghid li Jimmy Agiusipprova jinfluenzah "Jien li nixtieq inzid li pprova, anki qabel dhalt hawnhekk fl-Awla, ipprova jitfghali diskors go halqi li jiena qatt ma ghidt, riedni nghid li jiena rajtu b'ghajnejja". Fl'istess seduta pagna 3 ix-xhud jghid ukoll "Qabel dhalna qalli issa ghid li rajtu halli bhal speci tinqata fil-qasir, fhimt, ghid li**

**rajtu inti b'ghajnejk, ghidtlu jien mhux ha nghid li rajtu jien b'ghajnejja". Fix-xhieda tieghu Lia jghid ukoll " Jien kien gie l-assitant fuqi staqsieni din il-magna min dawwara, jien ma kelliex idea ta' din il-magna, mort insaqsi lix-xhud l-iehor George Azzopardi, George Azzopardi qalli li huwa Owen Schembri, lili rega gie jsaqsini Jimmy, qalli min kien, ghidtlu skond George kien Owen Schembri, jigifieri jien mill-ewwel pass ma nafx ilghala tellawni l-Qorti ghax qatt ma rajtu b'ghajnejja".**

**Fis-Seduta ta' 23 ta' April 2013 xehed Harold Gerada ix-shopsteward tal-haddiema. Huwa jghid, li is-Sur Pierre Luigi de Pilato kien qallu li fuq il-kaz tar-rikorrenti ma kienux ghadhom certi fuq xi affarijiet tal-Kaz u ghadhom qed jistennew xi affarijiet ghaldaqstant sadanittant, kienu ttrasferew lir-rikorrenti mix-shift ghax-xoghol tal-gurnata. Huwa jghid ukoll, li bazikament il-kaz inkwestjoni kien li sewwa fault u ma kitbux fuq ir-records tal-pezza. Huwa jghid ukoll, li sa llum hadd mill-management ma urih l-pezza li qed jitkellmu fuqa fejn hemm l-izbalji li qed jghidu li ghamilhom Owen Schembri. Harold Gerada f'pagna 3 tax-xhieda ta' l-istess seduta jghid ukoll "Ghax baqghu jinsistu li l-fault huwa tieghu, huwa baqa jinsisti li l-fault mhux tieghu, jien biex inkun onest xtaqt nara l-fault fejn hu u ghadni sallum ma rajtux". Fix-xhieda tieghu huwa jghid ukoll, li kazijiet ta' din ix-xorta jsehhu u meta jkun hemm il-provi m'hemmx x'tghamel, imma dan kien kaz differenti fejn ma kienx hemm provi. F'din ix-xhieda huwa jghid ukoll "Naraw il-kaz, gieli jkun hemm, mhux gieli jkun hemm, hafna drabi jkun hemm hafna provi x'juru, meta jkun hemm provi affarijiet li huma ovvji trid tghalaq halqek u tghid ovvja, imma f'dan il-kaz t' Owen dik li hemm nieqes li l-provi ma rajthom qatt".**

**Harold Gerada jghid ukoll fix-xhieda tieghu ta' l-istess seduta, f'pagna 6 huwa jghid li kien hu li ta l-parir kif jikteb l-ittra biex jirrispondi "ic-charge" li kienet harget il-Kumpanija, u l-parir li ta kien fis-sens li mhux ammetta li kien hati ta' l-izball, izda biex jekk inholoq xi inkonvejnt kien qed jiskuza ruhu. Huwa jghid ukoll, li kien tah dak il-parir ghax qabel kien hemm kaz iehor simili ma haddiem iehor "Jien inhoss li**

**tlabna naqra skuza li ha l-parir tieghi wkoll ghax jien ghidtlu biex ma nghamilx lill-manageemnt irrabjat biex ma nibdewx fuq nota ta' gwerra".**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-Kaz u l-ewwel kunsiderazzjoni li jiehu hija l-modd kif hija organizzata l-linja tal-produzzjoni fejn sehh dan il-Kaz inkwestjoni. Kif inghad fix-xhieda li dehru quddiem it-Tribunal Industrijali, fid-Dipartiment fejn gara l-kaz hemm diversi fillieri ta' linji tal-produzzjoni u f'kull filliera hemm diversi magni li jahdmu grupp ta' haddiema flimkien fejn in-numru ta' haddiema ivarja bejn erba jew hames haddiema. It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li kif inghad fix-xhieda meta jsiru zbalji tan-natura ta' dan il-kaz inkwestjoni, fejn issir xi tiswija imma ma tigix irregistra skond il-procedura tal-Kumpanija, ma hux possibbli li dan l-izball jigi attribwit lill-haddiem partikulari u meta l-haddiema involut ma jammettix l-izball ma kienitx l-ewwel darba li jittiehdu passi dixxiplinarji fuq il-haddiema involuti kollha li jkunu qed jahdmu fuq dik il-linja tal-produzzjoni. Ghaldaqstant, kif gie spjegat quddiem it-Tribunal Industrijali, il-management ikun cert min ghamel l-izball meta jew il-haddiem involut jammetti jew ikun hemm xi haddiema li jirrapurtaw lill-management.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, il-modd kif il-management ittratta dan il-kaz inkwestjoni. Fil-bidu tal-kwestjoni, il-management ghamel tajjeb li fuq rapport li kellu hareg "Charge" lir-rikorrenti, fejn akkuzah bin-nuqqas li gie irrapurtat u ta' cans lir-rikorrenti li jirrispondi ghal kaz li gie akkuzat ghalih. Pero, mix-xhieda li harget waqt il-provi quddiem it-Tribunal Industrijlai, dan it-Tribunal Industrijali mhux sodisfatt bl'investigazzjonijiet li ghamel il-management biex jistabilixxi l-provi. Is-Sur Agius li kien responsabbli minn dawn il-haddiema, meta kellu rapport ghamel tajjeb li avvicina lir-rikorrenti u qallu li kellu rapport li kien ghamel nuqqas. Huwa ghamel tajjeb ukoll meta qallu li kien se jinvestiga billi kien se jghamel rewinding tad-drapp biex jistabilixxi in-nuqqas. Izda, is-Sur Agius naqas meta ma kienx prezenti meta gie rewinded id-drapp ghax qal li kien bil-leave. It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li sar nuqqas**

**meta ir-rikorrenti ma kienx prezenti meta gie rewinded id-drapp u dan sabiex jigi muri lir-rikorrenti in-nuqqas li kien se jigi akkuzat bih u hu kien ikun f'qaghda ahjar li jiddefendi l-kaz tieghu. Ma dan, it-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li s-Sur Agius ma jiftakarx min kien ghamel rewinding tad-drapp, biex jigi stabilit in-nuqqas. Dan it-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li sar nuqqas akbar meta is-Sur Agius avvicna x-xhud Josef Lia qabel ma telgha jixhed quddiem it-Tribunal Industrijali, fejn ipprova jinfluenzah biex jghid, li kien ir-rikorrenti li wettaq in-nuqqas li kien akkuzat bih.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, l-ittra tar-Rikorrenti li wiegeb ic-"charge" li gie mahrug lilhu mill-Kumpanija. Meta dan it-Tribunal Industrijali jezamina l-kontenut ta' l-ittra, ma jirrizultalux li ir-rikorrenti kien ammetta l-akkuzi fil-konfront tieghu, izda sempliciment jghid li ma kienx cert li ghamel l-izball hu u jekk jirrizulta li kien ghamel l-izball, jitlob skuza ta' l inkonvenjament li setgha holoq lill Kumapanija. It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li din l-ittra giet miktuba b'dan il-modd fuq parir ta' Harold Gerada, li hu rapprezentant tal-haddiema u kif spjega hu stess, ta' parir biex jinkiteb dan it-tip ta' kontenut ta' ittra ghar-raguni, biex mill-bidu jevita konfront mal-management. It-Tribunal Industrijali hu konxju li minhu midhla fil-qasam tar-relazzjonijiet industrijali jifhem, x'ried jghid Harold Gerada, ghaliex hafna mill-kazijiet ta' din ix-xorta jigu irrangata fuq x'tip ta' relazzjoni tkun tezisti bejn min ihaddem u min jahdem. Hafna drabi meta kwestjoni tibda fuq sieq hazina jitwebbsu l'irjus u ma jkunx facli li jintlahaq kompromess.**

**Meta it-Tribuanl Industrijali jikkunsidra il-provi kollha li gew imressqa quddiemu jasal ghal konkluzjoni, li m'hemmx provi sufficjenti u minghajr ebda dubju li ir-rikorrenti kien wettaq il-kaz li l-management akkuzah bih. Ma dan, it-Tribunal Industrijali hu tal-fehma wkoll, li anke kieku ir-rikorrenti instab hati li wettaq dan in-nuqqas, meta tikkunsidra li ma kellux kazi ohra ta' dixxiplina, il-management ma kellux jiehu l-mizura estrema ta' terminazzjoni ta' l-impieg, imma kellu jikkunsidra mizuri ohra ta' dixxiplina.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali kkunsdira li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizjonali tal-partijiet isib u jasal ghal konkluzzjoni, li it-terminazzjoni ta' l-impieg kienet ngusta u bi ksur tal-ligi. Ghaldaqstant, dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi, li r-rikorrenti ghandhu jinghata kumpenss mis-socjeta ta' €4,500 (erbgha t'elef u hames mitt euro) liema kumpenss ghandu jithallas mis-socjeta lir-rikorrenti, fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-decizjoni.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fiz-zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' € 94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Iffirmat : Harold Walls**
**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**A/Segretarja**

**Data : 28 ta' Jannar, 2014**